# IL-FESTA TA' SAN DUMINKU FL-1904

## IŻ-ŻEWĠ BANED VITTORJOŻANI JOĦORĠU L-ID TA' ĦBIBERIJA



WAĦDA mill-akbar festi li saru f'ġieh il-Patrijarka San Duminku fil-Birgu, hija bla dubju dik li saret bejn l-14 u t-18 ta' Settembru 1904.

Għall-festi fil-knisja, il-kronisti ta' dawk il-jiem kellhom kliem ta' tifħir għal Patri Majjistru Clemente Cuschieri O.P., li ippriedka fil-jiem tat-tridu u għal Patri Alano Agius O.P. għall-paniġierku studjat tiegħu, f'jum il-festa. Id-dilettanti tal-mużika sagra, li f'dik l-epoka kienu ħafna, ħarġu sodisfatti ferm bl-esekuzzjoni eċċellenti tal-kompożizzjonijiet ta' Maestro Bugeja, li idderieġa personalment l-orkestra u l-kantanti. Iżda l-aktar li laqtet il-għajn ta' dawk li żaru l-Knisja tal-Lunzjata f'dawk il-jiem, kienet il-pittura tas-saqaf tal-korsija li tlestiet fil-ħin għall-okkażjoni tal-festa, wara erba' snin xogħol bir-reqqa mill-magħruf pittur Lazzaro Pisani.



F'xi ġurnali kien hemm kummenti favorevoli għall-armar ta' barra u t-tiżjin tat-triqat tal-Birgu u l-patrijiet Duminik Pace u Timotju Sammut ġew imfaħħra għall-mod kif organizzaw il-festi, minkejja n-nuqqas ta' esperjenza, wara l-mewt tal-ħabrieka patrijiet Ludoviku Falzon u Andrea Vella. Id-dwal tat-triqat tant kienu magħmulin bis-sengħa, li l-organizzaturi tal-festi tal-Belt Valletta ġew imħajrin jimitawhom. (1)

Iżda jisboq dan kollu u l-aktar li ntwera ferħ u sodisfazzjon kien għall-ftehim milħuq bejn iż-żewġ Baned Vittorjożani, li jibdew jieħdu sehem fil-festi rispettivi ta' xulxin.

PROGRAMMI MUSICALI

DA ESEGUIRSI ALLA VITTORIOSA

In occasione della festa del

PATR. S. DOMENICO

H.R.H. Prince of Wales Band

Sabato 17 Settembre 1904

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | «*Variopinto*» | S. Mallia |
| Sinfonia | «*Cordelia*» | Bugeja |
| Selection | «*Jone*» | Petrella |
| Melodia | «*Il Silenzio Militare*» | Giociano |

Cav. RICCI, Direttore

H.R.H. Duke of Edinburgh Band

Sabato 17 Settembre

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | «*Romolo*» | Quirino |
| Sinfonia | «*Guglielmo Tell*» | Rossini |
| Pezzi scelti | «*La Gioconda*» | Ponchielli |
| Pezzi scelti | «*El-duo-de l'Africana*» | Caballero |

Domenica 18 Settembre

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | «*Annina*» | Cinà |
| Sinfonia | «*Zampa*» | Herold |
| Pezzi scelti | «*Aida*» | Verdi |
| Gran Marcia | «*Trombe d'Argento*» | Viviani |
| Valse | «*Notte Andalusa*» | Stroncone |

GOD SAVE THE KING

G. GRECH, M.A.R.C.B., Direttore

Programmi

DA ESEGUIRSI DALLA

H. R. H. PRINCE OF WALES BAND

IN OCCASIONE DELLA FESTA DI

SAN LORENZO

VITTORIOSA 9 AGOSTO 1908, ore 8.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | CUORE ED ARTE | Barbera |
| Sinfonia | SI J'ETAIS ROI | Adam |
| Selection | I PESCATORI DI PERLE | Bizet |
| Valzer | CHARITY | Ricci |
| Terzetto | I LOMBARDI | Verdi |
| Canzone | HABANERA | Matros |

10 AGOSTO ore 5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | STELLA D'ITALIA | Parisi |
| Sinfonia | JEAN DE PARIS | Boieldieu |
| Danza delle ore | LA GIOCONDA | Ponchielli |
| Marcia trionfale | IL PROFETA | Meyerbeer |
| Selection | ARMIDA | De Ferrari |
| Danza Indiana | | N.N. |

GOD BLESS THE PRICE OF WALES

GOD SAVE THE KING

P. SCICLUNA, DIRETT.

Chiedete ovunque le rinomate Sigarette della Casa

A. G. COUSIS & CO.

DUBEC, MEMPHIS, MONDIALE, CROIX de MALTE, KRONOS & MELITA

Nei pacchi delle marche "Dubec" e "Melita" trovansi Cuponi.

B'riżultat ta' dan, il-Banda Duke of Edinburgh, flimkien ma' l-ammiraturi numerużi tagħha, telgħet armata sa snienha u kemm lejlet, kif ukoll nhar il-festa, għamlet żewġ programmi li baqgħu jissemmew.

Fi tmiem il-programm ta' nhar il-festa, il-Banda Duke of Edinburgh ġiet mistiedna għal riċeviment fil-Każin tal-Banda Prince of Wales. Il-president tal-banda dumnikana, it-Tabib Gianfelic Inglott, wara diskors sabiħ, li fih wera sodisfazzjon għas-sentimenti għolja ta' fraternità u solidarjetà li ntwerew miż-żewġ baned, f'isem is-Soċjetà ippreżenta lill-Ispiżjar Agostino Levanzin, viċi-president tad-Duke of Edinburgh, b'kaxxetta dekorata b'arabeski tal-fidda, bħala tifkira ta' l-okkażjoni.

Levanzin wieġeb b'diskors imqanqal li fih wera l-kultura vasta li kien jippossedi. Ta ħarsa ħafifa lejn l-istorja tal-Birgu u wera kif f'kull roqgħa art ta' din il-belt għandek issib qalb ta' xi eroj li ħalla ħajtu biex iħarisha. Wera kif tul iż-żmien, il-Birgu ma kienx biss is-sur insuperabbli ta' Malta kollha, iżda tal-Kristjaneżmu wkoll. Xebbah il-Birgu ma' nixxiegħa ta' ilma safi li minnha xorbot Malta kollha u stħajjel il-Belt Rebbieħa bħal ġebla tax-xewka taċ-ċiviltà ta' din il-Gżira. Saħħaħ dawn il-konklużjonijiet tiegħu b'fatti mill-istorja u kompla diskorsu hekk:

"Urejtkom bil-provi li l-Birgu kien dejjem il-belt taċ-ċiviltà u tal-progress, u għalhekk ċerti piki li jsaħħnu l-irjus u jifirdu lilna u l-familji tagħna huma ta' għajb għalina u ma jixirqux lill-imgħoddi glorjuż ta' beltna."

F'dan id-diskors, li kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, sar b'taljan impekkabbli, is-Sur Levanzin kompla ħeġġeġ lill-partitarji taż-żewġ naħat biex ikunu denji ta' missirijiethom u ommijiethom, li issagrifikaw lilhom infushom għal Art Twelidhom u għal twemminhom, billi xerrdu demmhom bħal martri, fl-istess toroq ta' din il-belt. (2)

Wara li radd ħajr għar-rigal sabiħ li ngħata lill-Banda tiegħu, qal li se jqisu bħala rahan ta' rieda tajba u ta' għaqda li ma tinħallx. Temm id-diskors imqanqal tiegħu b'dan l-appell:

"Nies tal-Birgu, ulied l-istess omm, werrieta ta' l-istess ġieħ ta' l-antenati tagħkom, żommu ruħkom magħqudin u tibqgħu qawwija. Ħobbu 'l xulxin għax intom aħwa. Tgħallmu kemm tifilħu, għax titgħallem kemm titgħallem tibqa' ma taf xejn. Komplu ħobbu 'l Alla, lil Art Twelidkom u lill-familji tagħkom. B'hekk, mhux biss turu li intom Vittorjożani denji ta' isimkom, iżda jirnexxilkom ukoll li għal darb'oħra toħorġu rebbieħa." [3]

Id-diskorsi tal-presidenti ntlaqgħu b'ċapċip li jtarrax u wara li kulħadd xorob bis-saħħa ta' xulxin, il-kumitati u l-bandisti niżlu flimkien fil-Każin tad-Duke of Edinburgh, fejn wara riċeviment kien hemm sorpriża oħra.

Is-Sur Levanzin, f'isem is-Soċjetà tiegħu ħabbar li bil-kunsens unanimu tal-kumitat u l-bandisti kellu l-pjaċir jaħtar lil Dr. Inglott president onorarju, lis-Sur Bezzina viċi-president u lil Maestro Ricci direttur onorarju tal-Banda Duke of Edinburgh. Żied li kien persważ li din il-ħbiberija u turija ta' solidarjetà bejn iż-żewġ kumitati tgħin ħafna biex isseddaq u tkattar il-ħbiberija li twieldet f'dawk il-jiem bejn il-bandisti u l-partitarji taż-żewġ baned.

Fost l-applawsi ta' dawk preżenti, Dr. G.F. Inglott irreċiproka billi ħatar lil Dr A. Parnis, lis-Sur Agostino Levanzin u lis-Surmast Grech bħala president, viċi-president u direttur onorarji tal-Banda Prince of Wales.

Ġurnali prominenti xandru bi prominenza din l-inizjattiva bejn il-baned tal-Birgu u appellaw biex jiġu imitati minn oħrajn biex tispiċċa darba għal dejjem il-firda bla bżonn li kien hemm f'ċerti rħula u bliet oħrajn. [4]

Din l-armonija bejn iż-żewġ baned kompliet tiġġedded tant li fil-festa ta' San Lawrenz tas-sena ta' wara, il-Banda Prince of Wales irreċiprokat dak li għamlet id-Duke of Edinburgh u kompliet kattret il-briju fil-festi kbar li saru. Dak in-nhar, il-paniġierku ta' San Lawrenz sar minn Patri Majjistru Angelo Portelli O.P. li aktar tard kien ikkonsagrat isqof u maħtur Amministratur u Delegat tad-Djoċesi ta' Malta.

Waqt il-festa ta' S. Duminku ta' l-1906 inqala' nuqqas ta' ftehim u dak li għamlu Dr. Inglott u s-Sur Levanzin kien għoddu sar suf. Kien biss intervent f'waqtu ta' Patri Timotju Sammut, prokuratur tal-festa, li witta t-triq għal erba' snin oħra ta' kollaborazzjoni. Iżda x-xitan reġa' daħħal denbu, għax fl-1911 din il-kollaborazzjoni tkissret mal-blat tal-fanatiżmu.

M'għandniex tagħrif jekk fis-snin ta' wara sarux xi tentattivi ġodda, iżda ninsabu persważi li dak li għoddu seħħ madwar seklu ilu, bi ftit ta' rieda tajba, m'għandux ifalli f'dan is-seklu ta' progress. Possibbli m'hawn ħadd kompetenti lest li jidħol għal din il-biċċa xogħol ta' fejda? Min jaf? Nistennew ... u nittamaw.

**Anton Attard**

**Noti u Referenzi**

1. MALTA TAGĦNA - 24 ta' Settembru 1904.
2. "Si renderanno sempre più degni dei loro padri magnanimi e delle loro madri valorose, che immolando per la patria e per la fede la loro vita sull'ara del sacrificio, innaffiarono questo suolo benedetto del loro sangue di martiri."
3. "Vittoriosani, o figli della stessa madre, o eredi degli stessi immarcescibili allori, tenetevi uniti e così sarete forti; amatevi perchè siete fratelli, studiate indefessamente perchè la meta nell'arte è sempre lontana; consacrate i vostri affetti a Dio, alla patria ed alla famiglia, e così non solamente rimarrete degni Vittoriosani, ma riuscirete ancora per sempre vittoriosi."
4. MALTA - 19 Settembre 1904.
5. Jingħad li t-Tabib G.F. Inglott kien serva ta' mudell lill-pittur Caruana għall-figura tal-Missier Etern fil-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali ta' Bomla.